

Talbiet tar-rikorrent

- jannulla d-deċiżjoni, inkluża fir-rendikont tal-pensjoni tar-rikorrent għax-xahar ta' Lulju 2012, li jinżammu EUR 500 mill-allowance tal-invalidità li għaliha r-rikorrent kellu dritt għax-xahar iċċitat iktar 'il fuq;
- jannulla d-deċiżjonijiet, inklużi fir-rendikonti tal-pensjoni tar-rikorrent għax-xhur ta' Awwissu sa Diċembru 2012, li jinżammu EUR 504,67 mill-allowance tal-invalidità li għaliha r-rikorrent kellu dritt għax-xhur iċċitati iktar 'il fuq;
- sa fejn ikun meħtieġ, jannulla d-deċiżjonijiet, irrispettivament mill-forma tagħhom, li jiċħdu l-ilmenti tal-15 ta' Ottubru 2012 u tal-15 ta' Jannar 2013, imressqa kontra d-deċiżjonijiet iċċitati iktar 'il fuq;
- jannulla n-nota tas-6 ta' Frar 2013, kif ukoll id-dokument anness magħha u l-kopja tan-nota tat-3 ta' Awwissu 2012, li allegatament ħarġet mill-Uffiċċju tal-Amministrazzjoni u l-Pagament tal-Intitolamenti Individwali tal-Kummissjoni;
- jikkundanna lill-Kummissjoni tirrimborsa lir-rikorrent is-somom li ġejjin: (1) EUR 500 flimkien mal-interessi kkalkolati fuq din is-somma bir-rata ta' 10 % fis-sena, b'kapitalizzazzjoni annwali, mill-1 ta' Awwissu 2012 sal-jum li fih isir il-ħlas effettiv; (2) EUR 504,67 flimkien mal-interessi kkalkolati fuq din is-somma bir-rata ta' 10 % fis-sena, b'kapitalizzazzjoni annwali, mill-1 ta' Settembru 2012 sal-jum li fih isir il-ħlas effettiv; (3) EUR 504,67 flimkien mal-interessi kkalkolati fuq din is-somma bir-rata ta' 10 % fis-sena, b'kapitalizzazzjoni annwali, mill-1 ta' Ottubru 2012 sal-jum li fih isir il-ħlas effettiv; (4) EUR 504,67 flimkien mal-interessi kkalkolati fuq din is-somma bir-rata ta' 10 % fis-sena, b'kapitalizzazzjoni annwali, mill-1 ta' Novembru 2012 sal-jum li fih isir il-ħlas effettiv; (5) EUR 504,67 flimkien mal-interessi kkalkolati fuq din is-somma bir-rata ta' 10 % fis-sena, b'kapitalizzazzjoni annwali, mill-1 ta' Diċembru 2012 sal-jum li fih isir il-ħlas effettiv; (6) EUR 504,67 flimkien mal-interessi kkalkolati fuq din is-somma bir-rata ta' 10 % fis-sena, b'kapitalizzazzjoni annwali, mill-1 ta' Jannar 2013 sal-jum li fih isir il-ħlas effettiv;
- jikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż.

Rikors ippreżentat fid-9 ta' Awwissu 2013 — ZZ vs Europol**(Kawża F-77/13)**

(2013/C 352/53)

*Lingwa tal-kawża: l-Olandiż***Partijiet****Rikorrent:** ZZ (rappreżentant: W. Brouwer, avukat)**Konvenuta:** Europol**Suġġett**

Annulament tad-deċiżjoni li tiffissa l-interessi li għandhom jitħallsu fuq l-ammont imħallas għal inkapaċità totali għax-xogħol wara żewġ inċidenti li rriżultaw matul żewġ vjaġġi mwettqa waqt is-servizz u l-ħlas ta' danni u interessi għad-dannu allegatament subit.

Talbiet tar-rikorrent

- jannulla d-deċiżjoni tal-15 ta' Ottubru 2012, flimkien ma' dik tat-13 ta' Marzu 2012 u dik tat-18 ta' Diċembru 2012, rispettivament;
- jannulla d-deċiżjoni impliċita tal-10 ta' Mejju 2013 ta' ċaħda tal-ilment tal-10 ta' Jannar 2013;
- jikkundanna lill-konvenuta għall-ħlas tal-interessi dovuti minnha fuq l-ammont ta' EUR 170 074,39 imħallas lir-rikorrent fl-14 ta' Mejju 2013, jiġifieri:
 - prinċipalment: interessi dovuti fuq il-perijodu mill-21 ta' Frar 2001 sal-14 ta' Mejju 2013, evalwati għal EUR 138 331,75;
 - sussidjarjament: interessi dovuti fuq il-perijodu mis-27 ta' Jannar 2004 sal-14 ta' Mejju 2013, evalwati għal EUR 83 154,25;
 - iktar sussidjarjament: mill-inqas, l-interessi dovuti fuq il-perijodu mis-27 ta' Jannar 2004 sal-1 ta' Frar 2013, evalwati għal EUR 80 356,75, minn data li għandha tiġi ffixxata mit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku b'diskrezzjoni ġudizzjarja li minnha l-interessi saru dovuti, jew jagħti ammont ta' kumpens tad-dannu lir-rikorrent pagabbli mill-konvenuta li jieħu inkunsiderazzjoni n-nuqqasijiet tagħha;

— jikkundanna lill-konvenuta għall-ħlas ta':

- prinċipalment: l-interessi dovuti mill-konvenuta fuq l-ammonti mħallsa fil-kuntest tal-politika WBA&I 2600914, fit-3 ta' Mejju 2010, jiġifieri:
 - l-interessi mill-ħolqien tad-dejn minħabba d-dannu għas-smigħ (5 % AMA, EUR 11 344,50), fuq il-perijodu mill-11 ta' Diċembru 2002, bit-tnaqqis ta' 15-il jum (Sezzjoni 4B tal-politika), sat-3 ta' Mejju 2010, liema interessi jammontaw għal EUR 4 875,28;
 - l-interessi mill-ħolqien tad-dejn minħabba d-dannu għall-għaksa (9 % AMA, EUR 20 420,12), fuq il-perijodu mid-data tal-attribuzzjoni tar-responsabbiltà ta' Europol, is-27 ta' Jannar 2004, bit-tnaqqis ta' 15-il jum (Sezzjoni 4B tal-politika), sat-3 ta' Mejju 2010, liema interessi jammontaw għal EUR 6 878,71;
 - l-interessi mill-ħolqien tad-dejn minħabba d-dannu ta' natura konjittiva (16 % AMA, EUR 36 302,41), fuq il-perijodu mid-data tal-attribuzzjoni tar-responsabbiltà ta' Europol, is-27 ta' Jannar 2004, bit-tnaqqis ta' 15-il jum (Sezzjoni 4B tal-politika), sat-3 ta' Mejju 2010, liema interessi jammontaw għal EUR 12 228,81;
- sussidjarjament: jagħti lir-rikorrent ammont ta' kumpens għad-dannu pagabbli mill-konvenuta li jjeħu inkunsiderazzjoni n-nuqqasijiet tagħha;
- jikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż tal-kawża, inklużi l-onorarji tal-mandatarju.

Rikors ippreżentat fit-23 ta' Settembru 2013 — ZZ et vs L-Aġenzija Ferrovarja Ewropea (ERA)

(Kawża F-95/13)

(2013/C 352/54)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: ZZ et (rappreżentanti: D. Abreu Caldas, A. Coolen, J.-N. Louis, u E. Marchal, avukati)

Konvenuta: L-Aġenzija Ferrovarja Ewropea (ERA)

Suġġett

Annulament tad-deċiżjoni li l-kuntratt ta' impjeg tar-rikorrenti bħala membri tal-persunal temporanju għal żmien determinat ma jiġix klassifikat mill-ġdid bħala kuntratt ta' impjeg għal żmien indeterminat.

Talbiet tar-rikorrent

- jannulla d-deċiżjoni ta' ċaħda tat-talba tar-rikorrenti, tal-20 ta' Diċembru 2012, intiża għall-klassifikazzjoni mill-ġdid tal-kuntratt ta' impjeg tagħhom ta' membru tal-persunal temporanju għal żmien definit fis-sens tal-Artikolu 2(a) tal-Kondizzjonijiet tal-impjeg, bħala kuntratt ta' impjeg għal żmien indeterminat skont l-Artikolu 8 tal-Kondizzjonijiet tal-impjeg fid-data ta' dħul fis-seħħ effettiv tagħhom;
- jikkundanna lill-Aġenzija Ferrovarja Ewropea għall-ispejjeż.